MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1929/2000/1

**Francis Xavier Aquilina u b'digriet tad-19 ta' Dicembru, 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem Mark Aquilina, David Aquilina, Eileen Pagnoud, Martin Aquilina u Christine Aquilina.**

**-vs-**

**Philip Borg.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-20 ta' Settembru 2000 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-attur kien ha b'kirja l-fond numru 128, Qawra Road, Bugibba minn ghand il-konvenut bil-kera originalment ta'

hamsin (50) Liri Maltin li sussegwentement gholiet ghal mitt Liri Maltin (Lm100) fis-sena.

Illi fl-1984 il-konvenut kien ipprezenta rikors sabiex l-attur jizgombra l-fond hawn fuq citat.

Illi, fl-1985 jigifieri hdax il-sena qabel ma inghatat is-sentenza rigward l-izgumbrament ommeno ta' l-attur, il-konvenut ha l-Ligi b'idejh, qabad u zgombra lill-istess attur billi biddel is-serratura tal-bieb tal-fond imsemmi u impussessa ruhu mill-ghamara kollha li kien hemm gewwa fih, liema ghamara hija proprjeta' ta' l-attur.

Illi minhabba zball ta' notifika (u li fuq l-istess infethu zewg kawzi), liema zball m'ghandu l-ebda relevanza mal-kawza odjerna, l-attur, permess ta' sentenza moghtija f'Gunju 1996 moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, gie mgieghel jizgombra l-fond imsemmi.

Illi, wara li ntemmet il-kawza imsemmija, l-attur talab lill-konvenut diversi drabi sabiex jirtira l-ghamara li kienet tinsab gewwa l-fond, ghal-liema fond l-attur fic-cirkostanzi ma kellux access, izda l-istess konvenut, minghajr ebda raguni valida, dejjem irrifjuta.

Illi sa llum l-attur, li ilu ma jidhol fl-imsemmi fond sa mill-1985, qatt ma gie nfurmat kemm rigward l-istat ta' l-ghamara in kwistjoni kif ukoll jekk l-istess ghamara ghadhomx gewwa l-fond imsemmi jew jekk il-konvenut, b'mod abbiziv, trasferixxa l-ghamara gewwa xi fond iehor.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Takkorda lill-attur access fil-fond in kwestjoni sabiex jabbozza inventarju tal-ghamara u jassigura li kollha tinsab hemm gewwa;

2. Tinnomina espert sabiex jezamina l-ghamara in kwestjoni u jirrelata kemm rigward l-istat taghhom wara dawn is-snin kollha ta’ *non uso*, kif ukoll sabiex jiddikjara jekk hemmx l-ghamara kollha in kwestjoni;

3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli talli abbuzivament impussessa ruhu mill-ghamara in kwestjoni, proprjeta’ ta’ l-istess attur.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba tali *non-uso* permezz ta’ periti nominandi.

5. Tillikwida, okkorrendo d-danni sofferti mill-attur, ghall-ghamara u oggetti li ma jinstabux fil-fond fuq imsemmi u dan, bl-ghajnuna ta’ periti nominandi jekk jkun il-kaz.

6. Tordna lill-konvenut jirritorna l-istess ghamara u oggetti li jirrizultaw proprjeta’ tal-attur, lill-istess attur fi zmien qasir u perentorju.

7. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas kwalunkwe dannu li jigi hekk likwidat, kemm dak risultanti mill-fatt li l-attur ma setax juza l-mobbli tieghu ghal-hdax il-sena, kif ukoll danni likwidati fuq hsarat li jinstabu fl-ghamara u l-valur tal-ghamara li ma tinstabx.

8. Tordna lill-konvenut jhallas l-ispejjez tal-polza ta’ assikurazzjoni li l-attur ghadu jhallas fuq din l-ghamara sal-lum.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittri interpellatorji datati 18 ta’ Ottubru 1996, 1 ta’ Novembru 1996, 19 ta’ Novembru 1996 u 28 ta’ Settembru 1999, kif ukoll l-ittra ufficjali datata 22 ta’ Gunju 1999 kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-30 ta’ Ottubru 2000 li permezz taghha l-konvenuti eccepew:

1. Illi t-talbiet kollha huma preskritti a termini tal-artiklu 2153 stante li kif jiddikjara l-attur stess fic-citazzjoni ilu ma jidhol fil-fond in kwestjoni mill-1985.

2. Illi t-talbiet huma inoltre infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu dak li qed jigi allegat li l-konvenut kkawza xi dannu lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher il-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kap 12. Dan jghid li azzjonijiet ghal hsara mhux kagunati b’reati tkun preskritta wara sentejn. L-artikolu 2137 jghid li l-preskrizzjoni tibda

tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setghet saret.

F’dan il-kaz, jidher anke mic-citazzjoni li l-hsara lamentata mill-attur ma setghetx saret wara l-1985 ghaliex l-attur qed jallega li dak in nhar gie spussessat mill-konvenut. Dan ghalkemm fil-fatt il-konvenut kien ottjena s-sentenza ta’ zgumbrament hdax il-sena wara u cioe’ fl-1996. Ghalhekk l-attur seta’ jistitwixxi l-kawza fl-1985. Prima facie

ghalhekk il-perjodu preskrittiv ghadda. Naturalment il-Qorti trid tara jekk dan il-perjodu giex interrot.

Ma jidhirx li saru xi ammissjonijiet da parti tal-konvenut li interrompew il-preskrizzjoni. Gew esebiti biss xi ittri interpellatorji li intbghatu mill-attur, illum mejjet, u ittra ufficjali illi intbghatet fit-22 ta' Settembru 1999, meta allura il-perjodu preskrittiv kien gia skada, anke jekk wiehed jibda dan il-perjodu mill-1996, meta giet ottjenuta s-sentenza.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmelina Vella vs Anthony Borg (16 ta' Settembru 1994) intqal illi;

*Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu..*

F'dan il-kaz ma jirrizultax li dan seta' sar.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici stante li huma preskritti. L-ispejjes jithallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------